# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 502/2012 SM**

**David Woodhouse Scicluna**
**(670961 M)**

**vs.**

***Malta Freeport Corporation Limited***
***(C – 9353)***

u Malta Freeport Terminals Limited (C-27581)

ghall-kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-18 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti, fuq indikat sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi fil-kapacita` tieghu ta' impjegat tal-korporazzjoni intimata fl-1 ta' Gunju, 2010, kien involut f'incident awtomobilistiku waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu mal-istess korporazzjoni;

1.2. Illi rizultat tal-istess incident sofra dizabilita` permanenti, (ara foll 1);

1.3. Illi l-incident *de quo* sehh unikament tort tal-intimati jew min minnhom minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti;

1.4. Illi *nonostante* li debitament interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni u ghall-eventwali hlas, baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimati huma unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, anke permezz ta' periti nominandi;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;

1.5.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-istess intimati;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu stabbiliet indikazzjonijiet procedurali li l-partijiet kellhom jiddiriegu ruhhom fuqhom, (ara foll 14);

3.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata z-19 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 18)

3.1. Illi fir-rikors guramentat promotur tieghu r-rikorrenti ma jsemmix la kif is-socjeta` *Malta Freeport Terminals*

*Limited* kienet involuta fl-incident in dizamina u lanqas kif din setghet kienet responsabbli ghall-istess;

3.2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront ta' din is-socjeta` intimata huma infondati *stante* li din m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;

3.3. Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

3.4. Illi l-korporazzjoni intimata ma ikkawzatx l-incident li fih kien involut ir-rikorrenti;

3.5. Illi *se mai*, l-incident in dizamina sehh tort ta' Joseph Schembri li kien qed isuq il-vettura numru LHQ – 019;

3.6. Illi ghalhekk, fil-konfront tal-korporazzjoni intimata, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.7. Illi d-danni reklamati huma kontestati;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat il-verbal datat is-27 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu: (ara foll 22)

4.1. L-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti irtira l-kawza fil-konfront tas-socjeta` *Malta Freeport Terminals Limited*;

4.2. L-abbli rapprezentant legali tal-intimati irtira l-ewwel risposta tieghu;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu nnominat lill-espert mediku hemm indikat biex jespleta l-inkarigu lilu moghti fit-termini tal-istess nomina, (ara foll 22 u 23);

6.0. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu: (ara foll 104)

6.1. Wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu;

6.2. Talbu wkoll li jkunu awtorizzati jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata;

6.3. Laqghet it-talba u stabbiliet it-termini hemm ukoll indikati;

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-12 t'April, 2016, (ara foll 110), flimkien ma dik tal-korporazzjoni intimata datata z-19 t'April, 2016, (ara foll 117), u dik tas-socjeta` intimata datata d-9 ta' Gunju, 2016, (ara foll 119);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati u d-*dvd* prodotti;

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-16 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod prezenti:

11.1. Illi r-rikorrenti jahdem bhala *"security officer"* fil-*Freeport*, (ara foll 30) jew *"security controller"* fl-istess korporazzjoni, (ara foll 105);

11.2. Illi kien involut f'incident fl-1 ta' Gunju, 2010, meta kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu, (ara foll 30);

11.3. Illi peress li ma kienx hemm impjegati bizzejjed, ir-rikorrenti jsostni li kellu jlahhaq ma xoghol li normalment kienu jaghmluh aktar nies, (ara foll 30), u kien qed ilahhaq kemm mal-karreggjata minn fejn jghaddu l-vetturi normali kif ukoll minn dik min fejn jghaddu t-trakkijiet, (ara foll 30);

11.4. Illi l-incident sehh meta r-rikorrenti mar jiehu n-numru minghand ix-xufier tal-istess u intlaqghat mit-takk bin-numru LHQ – 019 li kien riesaq fuqu, (ara foll 30);

11.5. Illi rizultat tal-impatt indikat fil-paragrafu precedenti: (ara foll 30)

11.5.1. Ir-rikorrenti spicca taht it-trakk;

11.5.2. Sider ir-rikorrenti hakk mat-tank tad-*diesel* tal-istess trakk;

11.5.3. Ir-rikorrenti kellu jissubixxi tlettax (13) il-punt f'rasu;

11.5.4. Il-minkeb tar-rikorrenti baqa' ma giex f'postu, (ara foll 30);

11.5.5. Illi l-genbejn tar-rikorrenti ghadu jugghu, (ara foll 30);

11.5.6. Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti: (ara foll 30)

11.5.6.i. Ma jimxix sew;

11.5.6.ii. Ibaghti biex isuq; u

11.5.6.iii. Isib diffikulta` biex ipoggi bilqeghda;

11.5.7. Illi wara li rritorna lura ghax-xoghol ir-rikorrenti nghata xoghol fl-ufficcju (ara foll 30);

11.5.8. Illi l-incident halla trawma mentali fuq ir-rikorrenti, (ara foll 30);

11.6. Illi l-incident in dizamina sehh fis-1.30.p.m. (ara foll 105);

11.7. Illi fil-gurnata meta sehh l-incident ir-rikorrenti kien stazzjonat fuq il-karreggjata numru 4, (ara foll 105);

11.8. Illi rizultat tal-ezigenzi partikolari tas-servizz kien ukoll kostrett jigri minn karreggjata ghal ohra biex ilahhaq max-xoghol, (ara foll 105);

11.9. Illi fil-kamra tas-sigurta` fejn kien assenjat xoghol dakinhar, ir-rikorrenti kien wahdu, (ara foll 105);

11.10. Illi fejn kien stazzjonat ir-rikorrenti kienet il-karreggjata minn fejn johorgu t-trakkijiet mill-*Freeport*, (ara foll 105);

11.11. Illi meta t-trakk involut kien hiereg mill-*Freeport* dan waqaf 'l fuq minn fejn suppost jieqaf, (ara foll 105);

11.12. Illi meta r-rikorrenti hareg mill-kamra fejn kien assenjat sab it-trakk ma wiccu, (ara foll 106);

11.13. Illi r-rikorrenti ma jirrizultax li kien cert mill-fatt jekk qabel hareg mill-kamra tieghu harsix jew le, (ara foll 106);

11.14. Illi jirrizulta li *nonostante* li ra lit-trakk miexi bil-mod lejh xorta baqa' hiereg, (ara foll 106);

11.15. Illi l-bieb tal-passiggier tal-istess trakk kellha tkun miftuha skont ir-regolamenti tal-*Freeport* biex b'hekk ikun facli ghas-*Security Officers* bhar-rikorrenti biex ikun jista' jiehu xi affarijiet, (ara foll 106);

11.16. Illi l-bieba *de quo* kienet "illokkjata", (ara foll 106);

11.17. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti kien kostrett imur min-naha tax-xuffier biex jiehu xi dokumenti, (ara foll 106);

11.18. Illi biex jaghmel hekk ir-rikorrenti kien kostrett jghaddi minn quddiem it-trakk, (ara foll 106);

11.19. Illi meta r-rikorrenti ghadda quddiem it-trakk, ix-xufier saq fuqu, (ara foll 106);

11.20. Illi r-rikorrenti jsosstni li ha passi kontra x-xufier u l-kampanija li timpjegah, (ara foll 106);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-versjoni tal-akkadut skont ix-xufier involut hi sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi meta gie biex johrog mill-*Freeport* kien hemm is-*security officer* Massimo biex "jikklerjah", (ara foll 98);

12.2. Illi l-istess xufier waqaf fil-*"gate"*, u gie "ikklerjat", (ara foll 98);

12.3. Illi meta gie biex jipprocedi jsosstni li saq naqra zghira u sema' ghajjat biex jieqaf, (ara foll 98);

12.4. Illi wara jsostni wkoll li ra lir-rikorrenti hiereg min-naha tax-xellug tieghu, (ara foll 98);

12.5. Illi jsostni wkoll finalment li hadd ma ha passi ta' natura civili jew kriminali fil-konfront tieghu ghall-akkadut, (ara foll 98);

Ikkunsidrat:

13. Illi r-rikorrenti irtira l-procedura minnu inizjata fil-konfront tas-socjeta` intimata *Malta Freeport Terminals* Limited, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont il-korporazzjoni intimata rimanenti fl-atti l-incident in dizamina sehh:

14.1. Tort tar-rikorrenti li b'negligenza u bi traskuragni tar-rikorrenti li qabad u qasam, u mexa' fil-karreggjata minn fejn johorgu t-trakkijiet mill-*Freeport* minghajr ma ha l-prekawzjonijiet dovuti, jew

14.2. Tort tax-xufier tat-trakk involut li saq b'imprudenza, (ara foll 18);

Ikkunsidrat:

15. Illi r-risoluzzjoni tal-vertenza ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` ghall-akkadut tista' tigi rizolta billi wiehed jirrikorri ghad-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artiklu 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li qed jigu hawn issa riprodotti:

"1031 ...kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

"1032 ... (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;

"1033 ... Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

Ikkunsidrat:

16. Illi fl-1 ta' Mejju, 2001, fil-kamp partikolari tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol kien iddahhal fis-sehh l-Att XXVII tal-2000, illum Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

17. Illi fost in-numru kbir ta' regolamenti ippubblikati mieghu kien ukoll ippubblikat l-Avviz Legali 36 tal-2003, imsejjah Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol li hu korp ta' regolamenti t'importanza kbira f'dan il-qasam partikolari;

18. Illi l-Kap 424 fuq riferit jikkodifika l-principji u d-dmirijiet generali li jirregolaw dan l-istess qasam fejn l-artiklu 4 (1) tal-istess jemfasizza li:

"Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

Ikkunsidrat:

19. Illi l-principju f'dan il-kamp partikolari hu li min ihaddem ghandu l-obbligu tal-prevenzjoni ta' hsara ghall-haddiem impjegat mieghu;

20. Illi effettivament l-artiklu 6(1) tal-Kap 424 fuq indikat jistipula s-segwenti:

> "Min ihaddem ghandu dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem";

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sosstniet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet ***Raymond Psaila vs. Pisciculture Marine de Malta Limited*** datata d-***29 ta' Settembru, 2011***:

> "Hija regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xieraq ta' harsien minn kull periklu (dak li bosta jsejhulu *"a safe system of work"*), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa' fuqu l-piz li jipprova li incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi stenna minnu f'dan ir-rigward";

Ikkunsidrat:

22. Illi *nonostante* s-suespost jinghad immedjatament li xorta wahda dan ma jfissirx li hemm *"strict liability"* fir-rigward fuq min ihaddem;

23.0. Illi ghalhekk haddiem li jkorri jrid:

23.1. L-ewwel jipprova li kien hemm nuqqas ta' mizuri ta' tharis tas-sigurta`;

23.2. Sussegwentement, il-piz tal-prova jdur fuq min ihaddem;

24.0. Illi min ihaddem imbaghad, biex jiskolpa ruhhu mir-responsabbilita` ghas-sinistru, jrid juri:

24.1. Jew li kien hemm forza magguri;

24.2. Jew li kien hemm traskuragni min-naha tal-haddiem sinistrat;

25. Illi kif issosstni l-*Qorti tal-Appell* fis-sentenza fl-ismijiet ***Felix Xerri vs. Beechwood Limited***, datata t-*3 **t'April, 2009***:

> "Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-materja, din il-qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura *"a safe environment"* fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' *"strict liability"* ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kwazi prezunzjoni" ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza in *subjecta materia*;"

26. Illi ovvjament, hu risaput ukoll li l-haddiem ukoll jista' jkun negligenti f'xogholu;

27. Illi l-artiklu 7(1) tal-istess Kap 424 fuq gia` riferit, jghid is-segwenti:

> "Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

Ikkunsidrat:

28. Illi fl-applikazzjoni tal-principji fuq esposti ghall-fattispeci rizultantanti mill-kawza odjerna, jigi emfasizzat li s-socjeta` intimata hi statutorjament tenuta tizgura *"a safe place of work"* ghall-haddiema taghha;

29. Illi minn ezami tal-partikolaritajiet tal-vertenza odjerna ghandu jirrizulta pacifiku li l-ambjent partikolari tax-xoghol fejn jahdem ir-rikiorrenti ma kienx wiehed fih innifsu perikoluz;

30. Illi xoghol ir-rikorrenti ta' ufficjal tas-sigurta` kien limitat ghall-*area* ta' madwar il-*gates* tal-*Freeport* biex jeffettwa l-*clearance* lit-trakkijiet diehlin u hiergin fl-istess impjant;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi fuq elenkati, is-sekwenza tal-incident in dizamina tesponi d-dinamika segwenti:

31.1. Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien qieghed ilahhaq kemm mal-karreggjata tal-vetturi kif ukoll ma dik tat-trakkijiet, (ara foll 30);

31.2. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ra t-trakk misjuq minn Joseph Schembri, (ara foll 30);

31.3. Illi kien ir-rikorrenti li hareg u qasam minn quddiem l-istess trakk, (ara foll 106);

Ikkunsidrat:

32.0. Illi skont ir-rapport rilaxxat mill-pulizija jirrizulta sintetikament is-segwenti:

32.1. Illi meta s-sewwieq Schembri kien hiereg bit-trakk mill-*Freeport* dan waqaf biex jiehu l-awtorizzazzjoni mill-ufficcjal tas-sigurta` Massimo Tonna, (ara foll 11 u 100);

32.2. Illi l-ufficcjal Tonna jidher li kien fil-post immarkat 'A' fir-ritratt a foll 63;

32.3. Illi fl-istess ritratt indikat fil-paragrafu precedenti ir-rikorrenti jirrizulta li kien stazzjonat fil-punt immarkat 'B', (ara foll 63);

32.4. Illi hekk kif it-trakk in dizamina rega' beda jinstaq biex jinhareg mill-*Freeport* sehh l-incident fuq deskritt, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel);

32.5. Illi fil-gurnata tal-incident jirrizulta li kien l-ufficcjal Tonna li kien inkarigat jaffettwa il-*clearance* lit-trakk in dizamina, (ara foll 49 u 100);

32.6. Illi effettivament ghalkemm ir-rikorrenti jirrizulta li involva ruhhu b'xi mod fir-rigward tal-*clearance* tat-trakk in dizamina, pero` il-funzjoni ufficcjali tieghu fir-rigward ma tirrizulta minn imkien;

32.7. Illi ghalhekk, ufficjalment, ir-rikorrenti ma kellu jkun involut bl-ebda mod fil-*clearance* tat-trakk in kwistjoni;

32.8. Illi effettivament l-istess Schembri jemfasizza bi kjarezza li r-rikorrenti fil-fatt ma kien involut xejn fil-*clearance* tat-trakk tieghu, (ara foll 99);

32.9. Illi l-versjoni li l-ufficcjal Tonna jaghti fir-rigward tal-operat tal-ufficcjali fil-*gate* in dizamina hi differenti minn dik fornita mir-rikorrenti, u jsostni s-segwenti: (ara foll 100)

> "Ninforma lill-qorti li fuq il-*gate* ahna nkunu tliet ufficcjali stazzjonati. Wiehed responsabbili mid-dhul tal-*containers* biss, iehor li jkun fuq il-hrug tal-*containers* u fin-nofs iehor responsabbli mid-dhul u l-hrug tal-karozzi u dhul u hrug ta' *containers* vojta. Ir-rikorrenti dakinhar kien xhud fuq in-naha tal-hrug tal-*containers*";

33. Illi r-rikorrenti jsostni li kellu jivverifika d-dokumenti tat-trakk *de quo* ghalkemm tali ezigenza ma tiffigurax b'mod ufficcjali fid-dmirijiet tal-ufficcjali fuq elenkati;

34. Illi ghalhekk il-htiega li r-rikorrenti jaqsam minn quddiem it-trakk ma tirrizultax suffragata minn raguni logika ghal tali azzjoni;

35. Illi kif jixhed l-ufficjal tas-sigurta` William Mintoff, (ara foll 102):

42. Illi ghalhekk meta r-rikorrenti ipproceda biex jaqsam minn quddiem it-trakk in kwistjoni, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha fuq sintetikament elenkati, r-rikorrenti pogga lilu nnifsu f'post fejn mhux suppost li kien - senjatament quddiem it-trakk;

43. Illi tenut kont tas-suespost, is-socjeta` intimata m'ghandiex tigi tenuta responsabbli ghall-konsegwenzi subiti mir-rikorrenti rizultat tal-agir inkonsult tieghu stess;

DECIDE:

44.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u in effetti jirrizulta li l-incident in dizamina sehh tort tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hsieb daparti tar-rikorrenti stess, u konsegwentement:

44.1. Takkolji r-risposti kollha tas-socjeta` intimata *stante* li ma jirrizultax li hi tahti ghan-nuqqasijiet addebitati lilha rigwardanti s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u ghall-incident *de quo*;

44.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

44.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli